Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2017

Data tal-laqgħa: 18 ta` Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### RESIDENTI PREŻENTI:

Agius Gabriel – ID: 235038M – 225, Triq il-Kbira
Borg Paul – ID: 277840M – 103, Triq Birbal
Calleja Edward – ID: 438441M – 38, Triq Birbal
Cardona Alfred – ID: 679641M – 33, Wied Ħal Balzan
Gatt Stephen – ID: 1076248M – 104, Triq Birbal
Laferla Christopher – ID: 767451M – 7, Triq il-Providenza
Micallef Agnese – ID: 77587M – 31, Triq Guze Bonnici

## Minuti

Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

# 1 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

1.1 Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri talab lir-residenti preżenti biex iressqu l-mistoqsijiet u suġġerimenti li għandhom.

1.2.1 Paul Borg – Semma l-istat tal-bankini fil-lokalita` fejn ilmenta li l-bankini m`għadhomx tal-*pedestrians* minħabba r-rampi li qed isiru quddiem il-garaxxijiet.

1.2.2 Is-Sindku qal li bil-liġi, garaxxijiet irid ikollhom aċċess għall-karozzi. Is-Sindku qal ukoll li mill-allokazzjoni li jirċievi l-Kunsill, huwa impossibbli li jiġu rranġati l-bankini. Is-Sindku semma li fil-proġetti tat-toroq li se jiġu rranġati mill-Gvern se jiġu nkorporati wkoll il-bankini.

1.3 Issemmiet il-problema ta` parkeġġ irregolari fl-akwati tal-iskola San Alwiġi. Is-Sindku qal li l-gwardjani lokali huma nfurmati b`din il-problema u qed isir infurzar regolari.

1.4.1 Christopher Laferla – Talab li ssir *road hump* fi Triq San Franġisk qabel ma` toħroġ għal Triq it-Tabib J. Zammit.

1.4.2 Is-Sur Laferla ġie nfurmat li Transport Malta ma japprovawx *road humps* f`kantunieri.

1.5 Gabriel Agius – Talab li ssir *give way* fi Triq Guze Bonnici qabel ma` toħroġ għal Pjazza Bertu Fenech. Il-Kunsill se japplika għal permess ma` Transport Malta.

1.6.1 Gabriel Agius- Talab ukoll liż-*żebra cross* li hemm fi Triq Guze Bonnici tersaq aktar viċin lejn Pjazza Bertu Fenech għax persuni li jkunu ġejjin min-naħa ta` Triq il-Kbira u Triq it-Tliet Knejjes, ikollhom mixja twila sa nofs Triq Guze Bonnici biex jużaw iż-*zebra cross* fejn hi preżentament.

16.6.2 Il-Kunsill se japplika għal permess ma` Transport Malta biex iż-*zebra cross* tersaq lejn Pjazza Bertu Fenech b`tali mod li jitħalla 15 –il metru mill-kantuniera.

16.7 Issemmiet ir-rampa perikoluża li hemm fil-bankina quddiem ProKitchen fil-Wied ta` Ħal Balzan. Il-Kunsillier Joe Galea qal li sa Jannar 2018 il-bankina għandha tiġi rranġata minn sid il-ħanut.

16.8 Stephen Gatt – Talab li ssir *Bus Stop* fi Triq Birbal fl-akwati ta` Triq il-Kannizzata. Il-Kunsill diġa` għadda din it-talba lill-Transport Malta diversi drabi. Is-SE se tibgħat *reminder.*

16.9 Paul Borg – Ilmenta li fi Triq Birbal fl-akwati ta` Vjal il-Bon Pastur hemm it-tappieri u l-ispralli jċekċku. Dawn se jiġu rrapurtati lill-entitajiet ikkonċernati.

16.10 Paul Borg – Infurma lill-Kunsill li hemm bżonn ta` *trimming* tal-*hedge* tal-ex-Dolphin Centre fil-Wied ta` Ħal Balzan u s-siġra ta` villa mhux abitata fi Triq l-Imdina kif iddur minn Vjal De Paule. Is-sidien se jiġu nfurmati biex isir ix-xogħol meħtieġ.

16.11 Alfred Cardona – Talab li jinżebagħ sinjal ta` vleġġa li jindika li karozzi jistgħu jitilgħu minn Pjazza Bertu Fenech għall-parti ta` Triq il-Kbira fejn hemm il-parkeġġ. Il-Kunsill se japplika għall-permess ma` Transport Malta.

16.12 Issemmiet rotta 55. Ir-residenti qed jilmentaw li din ma baqgħetx tgħaddi minn ġo Ħal Balzan. Dan l-ilment se jgħaddi għand l-awtorita` ikkonċernata.

# 2 Tmiem tal-laqgħa

2.1 Is-Sindku, in-Nut. Ian Spiteri irringrazzja lir- residenti li kienu preżenti talli attendew għal din il-laqgħa.

2.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 16 ta` Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |